## PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Revoka Nru **467/2023 (AD)**

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Qbid bin-numru 634/2023 (EM) fl-ismijiet:**

## ASSOCIATED MARKETING LIMITED (C 16629)

**vs**

## SIERRA STATIONERY AND BOOK SHOP LIMITED (C 75553)

**Seduta tat-Tlieta, tlettax (13) ta’ Ġunju 2023**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba tas-soċjetajiet Office Solutions Limited (C 77897), Prime Distributors Limited (C 71785), Elite Printing Limited (C 67046), Sierra Group Malta Limited (C 72217), Dom Distributors Limited (C 75962) u Doreen Farrugia Grech (KI 167979M) magħmula ai termini tal-artikoli 281(1) u 293(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, għar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid numru 634/2023 (EM);

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar l-għoxrin (20) t'April 2023, is-soċjeta' Associated Marketing Limited (minn issa 'l quddiem *"is-soċjeta' eżekutanta"*) talbet il-ħruġ ta' mandat ta' qbid kontra Sierra Stationery and Book Shop Limited, in esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv ottjenut permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar it-tletin (30) ta' Novembru 2022 fl-ismijiet ***Associated Marketing Limited vs Sierra Group Malta Limited et*** (Rik Nru 522/2020 RGM). Din il-Qorti kif diversement presjeduta laqgħet it-talba tas-soċjeta' eżekutanta permezz ta' digriet datat erbgħa u għoxrin (24) t'April 2023;

3. Il-mandat ta' qbid ġie eżegwit nhar it-tlieta (3) ta' Mejju 2023;

4. B'rikors preżentat nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju 2023, is-soċjetajiet Office Solutions Limited, Prime Distributors Limited, Elite Printing Limited, Sierra Group Malta Limited, Dom Distributors Limited u Doreen Farrugia Grech (minn issa 'l quddiem *"ir-rikorrenti"*) talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka l-esekuzzjoni tal-mandat ta' qbid a tenur tal-Artikolu 281(1) u 293(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan stante illi l-oġġetti illi ġew maqbuda jappartjenu lir-rikorrenti u mhux lis-soċjeta' Sierra Stationery and Book Shop Limited, u huma magni u apparat relatati mal-arti u s-sengħa tar-rikorrenti, b'dana illi l-qbid tagħhom huwa espressament ipprojbit a tenur tal-artikolu 293(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Permezz ta' risposta datata dsatax (19) ta' Mejju 2023, is-soċjeta' eżekutanta Associated Marketing Limited opponiet għat-talba tar-rikorrenti, u dan għas-segwenti raġunijiet:

    a. Illi r-rikors huwa milqut minn nullita' peress illi bosta mir-rikorrenti huma soċjetajiet illi ġew imħassrin minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;

    b. Illi l-Artikolu 293 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għall-każ odjern stante illi r-rikorrenti m'humiex debituri u lanqas ulied jew konjuġi tad-debitur;

c. Illi sa fejn l-azzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 281 tal-Kap 12, l-azzjoni hija rritwali, stante illi l-azzjoni taħt l-artikolu 281 ittendi għar-revoka tal-att eżekuttiv innifsu minħabba xi nuqqas formali fl-att jew għaliex l-att ikun inħareġ minn qorti inkompetenti, u mhux għar-revoka tal-eżekuzzjoni ta' dak l-att;

d. Illi ġurispdurenza kostanti tirritjeni li l-għodod u l-magni msemmija fl-Artikolu 293(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex dawk li jintużaw għal attivita' li hija prettament kummerċjali, kif inhu l-każ hawnhekk;

e. Illi mhux l-oġġetti kollha maqbuda bil-mandat ta' qbid jikkostitwixxu "magni" u "għodda", u r-rikorrenti kellhom jindikaw liema minn dawn l-oġetti huma tali;

f. Illi l-provi prodotti sabiex jissostanzjaw il-pretensjoni illi l-oġġetti maqbuda huma tar-rikorrenti, m'huma provi xejn, għaliex jikkonsistu f'numru ta' fatturi antiki li mhux verosimili li jirreferu għall-oġġetti maqbuda.

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti esebiti mill-partijiet;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2023;

8. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*<u>Rigward il-Peronalita' Ġuridika ta' wħud mir-Rikorrenti</u>*

9. Fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tindirizza l-punt imqajjem mis-soċjeta' eżekutanta dwar il-fatt illi erbgħa (4) mis-sitt (6) rikorrenti huma soċjetajiet illi ġew imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;

10. Il-Qorti rat illi s-soċjeta' eżekutanta esebiet estratti meħuda mis-sit tar-Reġistru tal-Kumpaniji (**Dok AM** anness mar-risposta) illi bihom uriet illi s-segwenti rikorrenti m'għadhomx imniżżla fuq l-istess Reġistru:

    (a) Is-soċjeta' *Office Solutions Limited (C 77897)* (a fol 26 tal-proċess);
    (b) Is-soċjeta' *Prime Distributors Limited (C 71785)* (a fol 27 tal-proċess);
    (c) Is-soċjeta' *Elite Printing Malta Ltd (C 67046)* (a fol 28 tal-proċess);
    (d) Is-soċjeta' *Dom Distributors Ltd (C 75962)* (a fol 29 tal-proċess);

11. L-Artikolu 4 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara illi, *"Soċjeta' kummerċjali għandha personalita' ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalita' ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjeta' kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjeta' kummerċjali tieqaf teżisti."*;

12. Jirriżulta għalhekk sodisfaċentement pruvat fil-fehma ta' din il-Qorti illi dawn l-erba' (4) soċjetajiet rikorrenti llum m'għadx għandhom personalita' ġuridika stante illi m'għadhomx jeżistu. Konsegwentement żgur illi ma tistax tintlaqa' t-talba in kwantu tirrigwarda l-pretensjoni magħmula mill-istess rikorrenti;

13. Din il-Qorti, iżda, sejra tikkontempla t-talba rikorrenti in kwantu tirrigwarda l-pretensjoni magħmula mis-soċjeta' Sierra Group Malta Limited u Doreen Farrugia Grech.

*<u>L-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>*

14. L-Artikolu 281 tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

15. Dwar din id-disposizzjoni fil-liġi, ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fil-provvediment mogħti fl-ismijiet ***A.A.S.K. Enterprises Limited vs MORE Supermarkets (Fgura) Limited***[1]:

> *Ir-rimedju li jaghti l-Art 281 tal-Kap 12 huwa specjali. Il-pregudizzju li parti interessata tallega li ggarrab jrid jirrizulta minn eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. L-istharrig li l-Qorti trid taghmel mhuwiex fil-mertu, kif ghamlet ir-rikorrenti fl-impostazzjoni taghha mill-bidu sal-ahhar. Li trid tara l-Qorti huwa jekk ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunux gew osservati jew jekk il-Mandat jkunx inħareġ b'mod abbużiv. Mandat jista` biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.* [...] *Jekk ir-rikorrenti tassew jidhrilha li ghandha jedd tattakka l-esekuzzjoni tal-Mandat, din tal-lum mhijiex il-procedura li kellha tittenta.* [...] *Jekk ir-rikorrenti tahseb li ghandha ragunijiet bizzejjed sabiex tattakka l-ezekuzzjoni tal-Mandat, ir-rimedju taghha mhuwiex il-procediment specjali skond l-Art 281 tal-Kap 12 izda l-procedura ordinarja bil-prezentata ta` rikors guramentat fejn taghmel il-kaz*

[1] Rik Nru 28/2015 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Nru 23/2015, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 12 ta' Frar 2015 (in ġudikat)

*taghha u ggib ir-ragunijiet kollha li ghamlet fil-procediment tal-lum – u li kienu opposti fil-mertu taghhom mill-intimata. Din il-Qorti ssegwi dik il-gurisprudenza li tindirizza lanjanza kontra l-esekuzzjoni ta` Mandat mhux fil-kuntest ta` l-Art 281 tal-Kap 12, izda fl-ambitu ta` l-presentata ta` rikors guramentat fi procediment ordinarju.*

16. Referenza saret fil-provvediment appena ċitata għal dak illi kien intqal mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Victor Fenech et vs Anthony Fountain et***[2]. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) kellha quddiemha każ illi kien jirrigwarda fatti simili għal dawk tal-każ odjern, u cioe talba ta' persuna terza għat-tħassir tal-eżekuzzjoni ta' żewġ mandati eżekuttivi ta' qbid li bis-saħħa tagħhom ir-rikorrenti allegat illi kienu nqabdu ħwejjeġ illi kienu tagħha u mhux tad-debituri. Il-Qorti tal-Appell, iżda, qalet:

*9. Il-qorti hija tal-fehma illi l-eżekuzzjoni ma hijiex "parti" mill-mandat. Meta l-liġi tgħid illi mandat jista' jitħassar "f'parti minnu biss" qiegħda tirreferi għal każijiet bħal meta mandat jinħareġ għal sorte li tkun aktar mis-somma kanonizzata, u għalhekk jitħassar għall-parti żejda, jew meta jinħareġ kontra bosta persuni li fosthom ikun hemm min ma huwiex debitur kanonizzat, u għalhekk il-mandat jitħassar safejn ikun inħareġ kontra min ma huwiex debitur kanonizzat.*

*10. It-tħassir tal-eżekuzzjoni iżda hija differenti mit-tħassir ta' parti mill-mandat. Ir-raġuni għala l-liġi tippermetti t-tħassir ta' mandat jew ta' parti minnu iżda mhux tal-eżekuzzjoni bil-proċedura taħt l-art. 281 hija ovvja:*

[2] Appell Ċivili Nru 398/2012/1 fl-atti tal-Mandati ta' Qbid Eżekuttivi Nru 1817/2011 u numru 1818/2011, Qorti tal-Appell (Superjuri), 30 ta' Novembru 2012

> *11. Il-proċedura taħt l-art. 281 hija sommarja, kif jixhdu wkoll it-termini qosra li timponi l-liġi għad-deċiżjoni fuq rikors magħmul taħt dak l-artikolu. Kwistjonijiet dwar jekk il-mandat inħariġx mill-qorti kompetenti, dwar jekk inħariġx bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv, dwar il-quantum tad-dejn kanonizzat, dwar l-identità tad-debitur kanonizzat – li kollha jistgħu jwasslu għat-tħassir tal-mandat jew ta' parti minnu – huma kollha kwistjonijiet li jistgħu jinqatgħu wara stħarriġ sommarju. Kwistjonijiet dwar il-proprjetà tal-ħwejjeġ milquta bil-mandat, li, bħal fil-każ tallum, iwasslu għat-tħassir mhux tal-mandat jew ta' parti minnu iżda tal-eżekuzzjoni, jeħtieġu stħarriġ aktar fit-tul li ma jistax isir fi smigħ sommarju. Huwa għalhekk illi l-liġi għal każijiet bħal dak tallum trid illi l-proċedura ssir b'dik normali ta' rikors maħluf.*

17. Finalment, imbagħad, ġie anke senjalat fil-provvediment mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***GSD Marketing Limited vs Jade Limited et***:

> *Illi l-prattika stabilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf* [Ara PA, AJM, 5.3.2001 fil-kawża ***Terranet Limited vs Linknet Limited et***];
>
> *Illi jagħti 'l wieħed x'jargumenta bis-sħiħ jekk l-eżekuzzjoni ta' Mandat għandhiex titqies bħala parti essenzjali mill-istess Mandat. U dan jista' wkoll jitqies fid-dawl tar-rimedju mogħti fi kliem l-artikolu 281 lil "xi persuna oħra interessata". Fl-istess waqt, il-Qorti tagħraf ukoll li l-fehmiet tal-qrati tagħna dwar jekk l-artikolu 281 jistax iservi biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat eżekuttiv mhux dejjem jaqblu* [Ara, per eżempju, PA GC

12.2.2010 fil-kaważ fl-ismijiet ***Car Care Products Ltd vs John Bugeja et*** (li m'aċċettatx li l-art 281 jista' jintuża biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat) u PA AE 2.8.2011 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Alan Bartoli noe vs A Gatt Trading Ltd et*** (fejn l-art 281 tħalla jintuża biex jattakka eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid fuq ħwejjeġ li ma kinux tad-debitur eżekutat)]. *Madankollu, il-fehma ta' din il-Qorti hi li l-proċedura tal-artikolu 281 ma tistax tgħin biex persuna tattakka l-eżekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu. Din il-fehma, minbarra dak li ssemma qabel, toħroġ ukoll mill-fatt li r-rimedju mogħti mil-liġi għal min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' att eżekuttiv* [Ara art 276 tal-Kap 12] *(jiġifieri bi proċedura kontenzjuża "normali") kien jeżisti sa minn qabel ma ddaħħal fil-Kodiċi r-rimedju speċjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjaħ l-art. 283A). Wieħed ma jridx jinsa li r-rimedju mogħti taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura mhuwiex ir-rimedju waħdien li jista' jingħata "taħt din il-liġi jew xi liġi oħra"* [App Inf 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet ***Awtorita' Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd***];

18. Mill-ġurisprudenza suriferita, jistgħu jinsiltu tliet punti saljenti rigward il-proċedura kontemplata mill-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

(a) Hemm distinzjoni bejn tħassir tal-eżekuzzjoni ta' mandat, u tħassir tal-mandat innifsu. Għalkemm jidher illi hemm eċċezzjonijiet fejn l-Artikolu 281 tħalla jintuża biex jattakka eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid, il-Qrati nostrana, fil-maġġoranza tal-każi, sostnew illi l-Artikolu 281 jikkontempla t-tħassir tal-mandat innifsu, u mhux tal-eżekuzzjoni tal-mandat;

(b) L-istħarriġ li tagħmel din il-Qorti fil-proċedura kontemplata mill-Artikolu 281 tal-Kap 12 huwa stħarriġ sommarju, u konsegwemtent isegwi għalhekk illi m'għandux jolqot il-mertu; u

(c) Jekk wieħed irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' mandat, dan għandu jagħmlu permezz ta' rikors ġuramentat fi proċeduri appożiti intavolati preċiżament għal dak l-iskop;

19. Din il-Qorti tikkondividi hija wkoll il-fehma illi l-Artikolu 281 tal-Kap 12 ma jikkontemplax attakk fuq l-eżekuzzjoni ta' mandat eżekuttiv, iżda għat-tħassir tal-att eżekuttiv innifsu. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, jirriżulta saħansitra mit-test tal-liġi stess, illi tagħmilha ċara illi sabiex tirnexxi talba fit-termini tal-istess artikolu, din għandha tkun sabiex *"l-**att eżekuttiv** jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu"*[3];

20. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi illi l-proċedura adottata mir-rikorrenti mhix dik idoneja fil-parametri tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u sejra għalhekk **tiċħad** it-talba rikorrenti.

**Decide**

21. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talba rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**

[3] Emfasi ta' din il-Qorti.